

## II

(Atti mhux leġislattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 74/2012

tas-27 ta' Jannar 2012

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li informazzjoni tariffarja li torbot u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità <sup>(2)</sup>.

(5) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament tfasslu b'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif stabbiliti fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

## Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur taħt l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

## Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fl-intier tiegħu u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Jannar 2012.

*Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Algirdas ŠEMETA  
Membru tal-Kummissjoni*

ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Pannell magħmul mill-aluminju u ħġieġ ittemprat b'qies ta' madwar 140 bi 30 cm (magħruf bħala "pannell tad-doċċa bl-idromassaġġi").</p> <p>Il-pannell huwa mġhammar b'mixer, 6 żennuni oriżżontali tal-idromassaġġi, b'bexxiexa tad-doċċa li tinżamm fl-idejn għal kontra l-ġebla, b'bexxiexa fin-naħa ta' fuq li tisprejja fuq żona wiesgħa, u xkaffa għall-aċċessorji. Hija mġhammra wkoll b'pumi li permezz tagħhom tista' tikkontrolla t-temperatura tal-ilma, l-qawwa eċċ.</p> <p>Il-pannell huwa mfassal għal biex jeħel f'kabini tad-doċċa tal-kmamar tal-banju kompatibbli. Barra mill-funzjoni ta' doċċa, din tippovdi wkoll idromassaġġi b'nixxiegħat irraq ta' ilma li joħorġu miż-żennuni bi pressjoni qawwija.</p>	9019 10 90	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1, 3(c) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċi tan-NM 9019, 9019 10 u 9019 10 90.</p> <p>Peress li l-pannell hu magħmul minn vit bil-bexxiexat skont l-intestatura 8481 u apparat għal massaġġi b'6 żennuni tal-idromassaġġi skont l-intestatura 9019, dan huwa meqjus bħala prodott kompost skont it-tifsira tar-Regola Ġenerali 3(b).</p> <p>In-nuqqas ta' karatteristiċi addizzjonali għaż-żieda fil-pressjoni tal-ilma, bħal pompa, ma jeskludux il-klassifikazzjoni tal-komponent tal-apparat tal-massaġġi skont l-intestatura 9019 (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni HS għall-intestatura 9019, (II), it-tieni paragrafu).</p> <p>Minħabba l-karatteristiċi u l-proprietajiet oġġettivi tagħhom, l-ebda wieħed mill-komponenti ma jagħti lill-pannell il-karattru essenzjali tiegħu.</p> <p>Għaldaqstant, il-pannell għandu jiġi kklassifikat skont il-kodiċi tan-NM 9019 10 90 bħala apparat ieħor tal-massaġġi.</p>